MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 334/2014

**Hydrolectric Limited**

**Vs**

**Justin ATTARD**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf u ghaxar euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,010.41c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u ghaxar euro u wiehed u erbghin centezmu (€1010.41) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici, kopja fattura Dok. A.

> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1038/14 pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal tal-lum.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Claudine Pace Zarb li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont pretiz ghadu dovut mill-intimat.

Ra li Dr. Claudine Pace Zarb ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf u ghaxar euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,010.41c] rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata minnha.

Ikkunsidra;

2. Dr. Claudine Pace Zarb iddikjarat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elf u ghaxar euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,010.41c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf u ghaxar euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,010.41c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha, inklużi dawk tas-sekwestru kawtelatorju numru 1038/14, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------